MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 71/2014

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta:

Illi huwa zzewweg mal-intimata fl-20 ta' Dicembru 1983 u min dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal cioe'E li llum ghandu 28 sena u Maria V li llum ghandha 27 sena;

Illi huma sseparaw konsenswalment permez ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella tal-20 ta' Dicembru 2004 u ilhom attwalment separati minn dak iz-zmien sallum u ma hemm l-ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi l-partijiet huma domiciljati Malta;

Illi z-zewgt itfal kibru u ghalqu it-23 sena;

Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet ftehmu dwar il-manteniment pagabbli mill-esponenti lill-intimata martu, liema manteniment qed jithallas regolarment u minghajr ebda inkwiet;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna illi wara li jghaddi z-zmien utili skond il-ligi, li kopja tad-digriet relattiv jigi komunikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jigi debitament registrat skont il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li in forza taghha eccepiet:

1. Illi l-ewwelnett, ir-rikorrent ghandu jiddikjara b'mod car u inekwivoku jekk verament ma jezistux prospetti ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u dana stante li kien l-istess Joseph Meli illi f'Jannar tas-sena 2014 talab lil martu tmur lura tirrisjedi mieghu gewwa d-dar matrimonjali;
2. Illi inoltre ma jissusistux ic-cirkostanzi kkontemplati fl-Art 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigi ppronunzjat ix-xoljiment taz-

zwieg stante illi r-rikorrent mhux qieghed jissomministra manteniment adegwat ghal martu;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Marzu, 2014;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi minkejja il-fatt illi l-intimata allegat illi r-rikorrenti fis-sena 2014 talabha tmur lura tirrisjedi mieghu gewwa id-dar matrimonjali effettivament irrizulta lill-Qorti illi hadd mill-partijiet ma jrid jirronciljazzjoni u ghandhom partners ohrajn f'hajjithom;

Ghaldaqstant il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Dicembru 2004;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------